II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1378

tal-11 ta' Awwissu 2015

li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-użu ta' riboflavini (E 101) u karoteni (E 160a) fi bċejjeċ u qxur tal-patata mnixxfa

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(3),

Billi:

(1) L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 jistabbilixxi lista tal-Unjoni ta' addittivi tal-ikel approvati għall-użu fl-ikel, u l-kundizzjonijiet tal-użu tagħhom.

(2) Il-lista tal-Unjoni tal-addittivi tal-ikel tista' tiġi aġġornata skont il-proċedura komuni msemmija fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) jew fuq inizjattiva tal-Kummissjoni jew wara li ssir applikazzjoni.

(3) L-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-użu ta' ċerti kuluri fi bċejjeċ u qxur tal-patata mnixxfa tressqet fit-23 ta' Ġunju 2014 u saret disponibbli għall-Istati Membri.

(4) Il-kulur tat-trab tal-patata diżidratata huwa affettwat b'mod partikolari minn firxa ta' sfumaturi ta' kuluri differenti ta' patata mhux ipproċessata u reazzjonijiet ossidattivi li jseħħu waqt l-ipproċessar. Bħalissal-użu tal-kurkumina (E 100) biss huwa awtorizzat għall-użu fi bċejjeċ u qxur tal-patata mnixxfa sabiex tingħata lura dehra viżwalment aċċettabbli lill-prodott finali maħsub għall-konsum. Ir-riboflavini (E 101), u l-karoteni (E 160a) huma alternattivi xierqa għall-kurkumina li jistgħu joħolqu l-istess effett teknoloġiku.

(5) Fit-12 ta' Settembru 2013, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") tat opinjoni ([3]) li biha evalwat mill-ġdid is-sigurtà tar-riboflavini bħala addittivi tal-ikel. L-Awtorità kkonkludiet li r-riboflavini (E 101(i)) u r-riboflavina-5'-fosfat tas-sodju (E 101(ii)) aktarx ma jkunux ta' ħassib għas-sikurezza fl-użi u l-livelli tal-użu li bħalissa huma awtorizzati bħala addittivi tal-ikel. Fl-opinjoni, il-kategorija 04.2 "Frott u ħxejjex ipproċessati" li tkopri l-kategorija 04.2.6 "Prodotti tal-patata pproċessati" ġiet inkluża fil-valutazzjoni tal-esponiment. Għalhekk, l-estensjoni tal-użu tar-riboflavini (E 101) mal-bċejjeċ u l-qxur tal-patata mnixxfa m'għandiex ikollha impatt fuq l-esponiment stmat u dwar il-konklużjonijiet tal-evalwazzjoni mill-ġdid tas-sigurtà.

([1]) ĠU L 354, 31.12.2008, p. 16.

([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi tal-ikel, l-enżimi tal-ikel u l-aromatizzanti tal-ikel (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 1).

([3]) Il-Bord tal-EFSA dwar l-Addittivi tal-Ikel u s-Sorsi tan-Nutrijenti miżjuda mal-Ikel, 2013, Opinjoni xjentifika dwar ir-rivalutazzjoni tar-riboflavini (E 101(i)) u r-riboflavina-5-fosfat tas-sodju (E 101(ii)) bħala addittivi tal-ikel, (*EFSA Journal* 2013;11(10):3357).

(6) Fis-16 ta' Frar 2012, l-Awtorità ħarġet opinjoni [1] li fiha evalwat mill-ġdid is-sigurtà tal-karoteni bħala addittivi tal-ikel u kkonkludiet li l-użu ta' betakaroteni (sintetiċi) u betakaroteni mħallta miksuba miż-żejt tal-frott tal-palma, karrotti u alka bħala kulur alimentari mhuwiex ta' ħassib għas-sikurezza, sakemm il-konsum ta' dan bħala addittiv tal-ikel u bħala suppliment tal-ikel ma jkunx aktar mill-ammont li x'aktarx jiġu kkunsmat mill-konsum regolari ta' ikel li fih dawn iseħħu b'mod naturali (5-10 mg/jum). Skont l-opinjoni, l-istimi ta' esponiment konservattiv għall-użu tal-addittiv tal-ikel kienu inqas minn 5-10 mg/jum u ġew ikkunsidrati prodotti tal-patata pproċessati. Għalhekk, l-estensjoni tal-użu tal-karoteni (E 160a) mal-bċejjeċ u l-qxur tal-patata mnixxfa m'għandux ikollu impatt fuq l-espożizzjoni stmata u dwar il-konklużjonijiet tas-sigurtà rivalutata.

(7) Skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008, il-Kummissjoni għandha titlob l-opinjoni tal-Awtorità biex taġġorna l-lista tal-Unjoni ta' addittivi tal-ikel stabbilita fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008, għajr meta l-aġġornament inkwistjoni mhux mistenni li jħalli effett fuq is-saħħa tal-bniedem. Peress li l-awtorizzazzjoni tal-użu tar-riboflavini u tal-karoteni fi bċejjeċ u qxur tal-patata mnixxfa tikkostitwixxi aġġornament ta' dik il-lista li mhux mistenni jħalli effett fuq saħħet il-bniedem, m'hemmx bżonn tintalab l-opinjoni tal-Awtorità.

(8) Għaldaqstant, l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 għandu jiġi emendat skont dan.

(9) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Awwissu 2015.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

[1] Il-Bord tal-EFSA dwar l-Addittivi tal-Ikel u s-Sorsi tan-Nutrijenti miżjuda mal-Ikel, 2012. Opinjoni xjentifika dwar ir-rivalutazzjoni tal-Karoeteni Mħallta (E 160a (i)) u beta-Karoteni (E 160a (ii)) bħala addittiv tal-ikel, (*EFSA Journal* 2012;10(3):2593).

ANNESS

F'Parti E tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008, fis-subkategorija tal-ikel 04.2.6 "Prodotti tal-patata pproċessati", l-entrati li ġejjin qed jiddaħħlu wara l-entrata tal-additiv tal-ikel E 100:

	"E 101	Riboflavini	*quantum satis*		bċejjeċ u qxur tal-patata mnixxfa biss
	E 160a	Karoteni	*quantum satis*		bċejjeċ u qxur tal-patata mnixxfa biss"